# IN-NIES TA' Ħ'ATTARD



Bħal kull raħal ieħor, Ħ'Attard għandu storja li hi tiegħu biss. Imma l-istorja jagħmluha n-nies tar-raħal. Hawnhekk, qegħdin nitkellmu mill-istorja "ta' kuljum" li minnha għadda dan ir-raħal. Nippruvaw immorru lura kemm nistgħu. Biex nibnu din l-istorja, kien hemm il-mezzi differenti li jwassluna biex nifhmu l-passat. Fost dawn hemm żgur ix-xjuħ tagħna li setgħu jirrakuntaw din l-istorja. Hemm ukoll reġistri u kitbiet oħra tal-imgħoddi. Hemm il-memorja ta' dawk li għadhom jiftakru tfulithom u l-ġrajjiet li sawru ħajjithom. Ma ttraskurajna ebda xhieda li sirna nafu biha.

L-istorja ta' Ħ'Attard għadha sejra sallum u għad trid tibqa' sejra 'l quddiem. Dak li naraw madwarna llum, ħallejnieh barra. Bejn wieħed u ieħor, waqafna mas-sena 1950 għax wara dik id-data Ħ'Attard kellu żvilupp mgħaġġel u mferrex ħafna. Ħ'Attard illum espanda fejn qatt ma konna nobsru. Dwar dan l-iżvilupp li hu storja wkoll, forsi xi ħadd għad jikteb 'il quddiem.

## IN-NIES TAS-SNAJJA

Nibdew min-nies tas-sengħa għax huma fil-biċċa l-kbira li jiffurmaw ir-raħal. Dawn huma s-sinsla tar-raħal, dawk li jaqalgħu l-ħobża ta' kuljum bl-għaraq ta' ġbinhom. Huma l-irġiel u n-nisa li kienu jaqdu lir-raħal bix-xogħol jew sengħa tagħhom.

### IL-BDIEWA

Waħda mill-eqdem snajja, mhux f'Ħ'Attard biss imma mad-dinja kollha żgur li hija l-BIEDJA. Alla nnifsu, meta ħalaq lill-bniedem "tah l-art biex jaħdimha" kif naqraw fil-Ġenesi. Il-bniedem bil-mod il-mod tgħallem kif jaħdem l-art u minnha jieħu l-għajxien għalih u għal ta' madwaru. Ġo Ħ'Attard, kien hemm familji li kellhom xi għalqa kbira jew żgħira li huma kienu jaħdmu. Xi uħud minnhom, l-għajxien tagħhom kien biss mir-raba'. Oħrajn kienu jaħdmu r-raba' wara l-ħin tax-xogħol tagħom u kienu jikkuntentaw bi ftit prodotti li kienu jieklu huma stess u forsi kienu jbiegħu xi ħaġa żgħira miż-żejjed tagħhom. Imma l-oħrajn li ġa semmejna kienu jaħdmu r-raba' minn sbiħ il-jum sa nżul ix-xemx. Kienu jżidu aktar raba' biex iżidu l-produzzjoni. Hawn kienet tagħti daqqa t'id il-familja kollha, saħansitra t-tfal.

Fost dawn il-bdiewa nsemmu lil Vestru Camilleri u uliedu. Insemmu lill-"Qaddis" u uliedu. Kien hemm ieħor "Ta' Stringi" u ibnu Gianni. Oħrajn kienu l-aħwa magħrufin "Ta' Wenz" li kellhom ir-raba' in-naħa tat-Triq ta' Ħal Qormi u l-aħwa "Ta' Wistin" in-naħa ta' Ħal-Warda. Oħrajn magħrufin "Tal-Morini" li kienu n-naħa ta' Ħaż-Żebbuġ kif ukoll l-aħwa tan-"Nabukku". Kien hemm l-aħwa "Tad-Dewdew". Kien hemm il-familja "Ta' Gatt". Bidwi ieħor kien Pawlu Vella magħruf bħala "Grejbel". Bidwi ieħor kien Ġianni Dingli, li kien l-uniku wieħed ġo Ħ'Attard li jaħdem ir-raba' bil-baqra. Imbagħad kien hemm l-aħwa Said Mikiel u Ġużepp "Tad-Derder". Kien hemm Salvu Said magħruf bħala "Il-Bellusi". Kien hemm l-aħwa xebbiet "Tal-Kaċċatur". Ir-raba' ta' dawn aktar tard ħaditu "Xandra". Kien jiġi quddiem l-M4 u jibqa' sejjer 'il fuq mid-dar għall-anzjani, Santa Katerina. Ieħor kien Kola "Ta' l-Għasfurin" li kellu r-raba' lejn ta' Vnezja. Kien hemm l-aħwa Ġużepp u Ċensu Borg "Tal-Kelus" u kien hemm ukoll bidwi ieħor ċertu Said "Tas-Sottomarin". Wieħed ieħor kien "Palo" li kellu r-raba' lejn il-Mosta.

Imbagħad kien hemm oħrajn bi ftit raba' jew xi ġardina, li kienu jiġu jbiegħu fid-djar speċjalment fis-sajf, kienu jiġu bil-bajtar, tin, parsot u bajtar ta' San Ġwann. X'aktarx, li kellhom l-abbonati, nies li kienu dejjem jixtru minn għandhom. U hekk ir-rota kienet iddur!

Marbut ma' dawn il-Bdiewa .... kien hemm il-piżatur.

### IL-PIŻATUR

Il-Bdiewa li kien ikollhom ħafna uċuħ, kien ikolhom bżonn il-piżatur u ġo Ħ'Attard, piżatur kien hemm. Dan kien Salvu Dingli magħruf "Is-Surmast" għax għal xi żmien kien jgħallem fl-iskola ta' Ħal Lija li kienet ukoll isservi għat-tfal ta' Ħ'Attard. Dan kellu l-maħżen tiegħu fi Sqaq 2, Triq il-Pjazzetta. Ħafna bdiewa kienu jfittxuh anke dawk li ma kienux mir-raħal.

## IR-RAĦĦALA

Sengħa oħra kienet dik tat-trobbija tal-annimali li jagħtu l-ħalib, baqar, ngħaġ u mogħoż. Ma dawn jistgħu jiżdiedu l-bàrrin u l-ħnieżer,. Magħrufin bħala xerrejja kbar tal-baqar u barrin u annimali oħra kienu dawk tal-familja Vella magħrufin "Tal-Belbulin" ieħor li għal xi żmien kien tħajjar irabbi l-baqar kien il-kaptan Herbert Micallef li kellu razzett fit-Triq ta' Ħaż-Żebbuġ. Kien hemm oħrajn li kienu jrabbu l-mogħoż, ngħaġ u tjur u għalhekk dawn kienu jipprovdu l-laħam, il-ħalib u l-ġbejniet friski.

Fost dawk li kienu jipprovdu l-ħalib kien hemm dawk ta' Gatt, magħruf "Ta' Munkubew". Kellhom maħżen kbir fi Triq Birkirkara fejn kienu jżommu l-mogħoż. Dawk "Ta' Stringi" li ġa semmejna, kienu wkoll ibiegħu l-ħalib fi Triq Ħaż-Żebbuġ. Fi Triq San Duminku kien hemm Rożi Pace. Fi Triq il-Mitħna kien hemm "Grejbel" li ġa semmejna li kien ibiegħ il-ħalib. Ukoll fis-Sqaq li hemm f'nofs Triq San Duminku kien hemm l-aħwa "Tal-Kaċċatur". Dawn kienu Carmena, Giovanna, Anġla w Ġuża. Il-Kaptan Micallef kien ibiegħ il-ħalib tal-baqar u dan b'differenza mill-oħrajn kollha kien ibiegħu fil-fliexken. Kien hemm ukoll Karmnu Attard fi Triq Żebbuġ li kien ibiegħ il-ħalib ukoll. Dawn, minbarra għadd ta' oħrajn żgħar li kellhom ftit annimali tal-ħalib. Barra minn dawn li kienu jbiegħu minn ġo djarhom kien hemm dawk li kienu jiġu wara l-bieb bil-merħla tal-mogħoż. Jien niftakar tnejn. Wieħed kien minn Ħ'Attard, Karmnu Attard li ġa semmejna u l-ieħor kien minn Ħaż-Żebbuġ, ċertu Ġużeppi li kien jiġi kuljum.

Kellu jkun żmien il-gwerra biex sirna nafu bit-"Trab tal-Ħalib". Għadni niftakar lill-Manann Attard, li kienet 'nurse' turi kif jitħallat dan it-trab tal-ħalib. Dan ġara fil-'Victory Kitchen' fid-dar li qabel kienet il-Mużew tal-bniet ħdejn il-knisja. Dan il-post m'għadux jeżisti.

Aktar tard, kien infetaħ ħanut wara l-knisja eżatt, li kien ibiegħ il-ħalib pasturiżżat. Prodott ieħor li jsir mill-ħalib huma l-ġbejniet friski. Kull min kellu n-ngħaġ, kien jagħmel il-ġbejniet. Bihom kienu jsiru l-pastizzi tal-irkotta, qassatat, torot u ġbejniet ta' Għawdex jew inkella kienu jissajru b'xi mod jew ieħor. Fost dawk li kienu jbiegħu l-ġbejniet friski kien hemm dawk "Ta Stringi", dawk "Tan-Nabukku" fi Sqaq Sant'Anna, dawk "Ta Wistin" fi Triq Qormi u dawk "Ta' Munkubew" fi Triq Birkirkara. Hu x'inhu, Ħ'Attard kien moqdi tajjeb minn dawn ir-raħħala.

## IL-BENNEJJA

Fost in-nies tas-sengħa li kien hawn Ħ'Attard, konna nsibu lill-bennejja. Hawn ma nistgħux ma nsemmux lill-familja Attard magħrufin "Taċ-Ċapċapun". Dawn kienu l-aħwa Karmnu u Ġanni, għalkemm meta niftakarhom jien ma kienux jaħdmu flimkien. Meta mbagħad laħqu wlied Karmnu, bdew jaħdmu ma' missierhom. Dawn kienu Ġużeppi, Nazju, Ġianni u Pawlu. Baqgħu jaħdmu flimkien sa wara l-gwerra. X'aktarx li l-aħħar biċċa xogħol li ħadmu flimkien kienet id-dar tal-Kappillan li kienet waqgħet fil-gwerra. Kien hemm ukoll il-familja Borg, magħrufin "Tal-Kaki". Kienu l-aħwa Ġużeppi u Salvu Borg. Familja oħra kienu dawk ta' Debono. Kien hemm Ġużeppi magħruf "L-Aħmar" u ħuħ Karmnu. Ieħor li ħalla isem kien Ġużeppi Portelli magħruf "Iż-Żembillu". Kien hu li bena l-Kappella tal-Addolorata f'Raħal Ġdid. Kien hemm familja oħra Borg magħrufin "Taċ-Ċomba" li wkoll kienu bennejja.

## IL-MASTRUDAXXI

Sengħa oħra antika kienet dik tal-mastrudaxxa. Xi 80 sena ilu ġo Ħ'Attard, kien hawn żgur il-mastrudaxxa Lonzu Xerri magħruf "Ta' Lonz". Dan kien armat fi Triq il-Mosta f'dak il-maħżen li jmiss ma' Casa Vella li fi żmien il-gwerra kien jintuża min-nies tal-A.R.P. Dan Lonzu kien iħaddem miegħu għadd ta' lavranti li kollha xtaqu jitgħallmu s-sengħa u li aktar tard kollha kienu jiftħu għal rashom. Fost dawn żgur li kien hemm missieri Ġianni Mallia, li wara li għadda xi snin jaħdem it-Tarzna bħala "Pattern Maker" kien fetaħ il-ħanut ta' mastrudaxxa, l-ewwel fit-tarf ta' Triq Ħal Qormi quddiem l-għajn u aktar tard fil-bidu ta' Triq Pjazzetta qrib l-Għajn tal-Bhejjem. Meta mbagħad morna noqgħodu quddiem il-ħanut ta' missieri, kien żied ukoll kamra mdaqqsa f'numru 37, Triq il-Kbira, eżatt quddiem il-forn.

Mastrudaxxa ieħor li kien jaħdem ma' Ta' Lonz kien Antonio Pisani, magħruf biżżejjed ġo Ħ'Attard. Dan kien armat fi Triq San Duminku jew aħjar f'Misraħ Sant'Anna. Aktar 'il quddiem, kien ħa wkoll il-maħżen kbir magħruf bħala "Il-Forn" fi Triq San Duminku fejn kien jaħżen l-injam u jagħmel xi xogħol ħafif, billi l-magni tiegħu kienu l-ħanut l-ieħor. Miegħu kienu jaħdmu tlieta minn

uliedu, Karmenu, Manwel u Geraldu. Maż-żmien Karmenu fetaħ għal rasu, l-ewwel fi Triq Ħaż-Żebbuġ, wara fi Sqaq San Pawl u fl-aħħar fi Triq Valletta. Kien hemm mastrudaxxa ieħor Grezzju Bezzina, li kien armat fi Triq Ħal Qormi. Wara dawn, fir-raħal ġie ieħor, Elija Mifsud, li kien jaħdem fi Sqaq San Pawl.

Barra dawn kien hemm oħrajn li kienu jaħdmu privatament id-dar wara x-xogħol.

## IL-FURNARA

Il-Funara ta' Ħ'Attard, almenu dawk li niftakar jien kienu tnejn. Waħda kienet Anni Galea li kellha l-forn qrib l-għajn tal-bhejjem taħt dik in-niċċa tal-Madonna ... fi Triq il-Kbira. Il-Furnara l-oħra kienet Angela Attard, li kellha l-forn wara l-knisja f'tarf is-Sqaq numru 3. Minn barra minn dawn, jien għandi dubju, li ġo Ħ'Attard kien hemm xi forn ieħor. Qiegħed nirreferi għal dak il-maħżen kbir fi Triq San Duminku li jismu propju "Il-Forn", ġo fih hemm rokna li tixbaħ ħafna d-daħla li s-soltu naraw fil-forn. Possibbli li dak il-post huwa magħruf bħala "Il-Forn" ta' xejn? Ngħid is-sewwa, meta staqsejt dwar dan, ħadd sa issa ma tani xi tagħrif. X'aktarx li dawk li kienu jafu jwieġbu din il-mistoqsija .... illum m'għadhomx magħna.

## IL-ĦAJJATA

F'din is-sengħa, Ħ'Attard, kellu għadd mhux ħażin ta' dawk li kienu jagħmlu dan ix-xogħol. Tnejn minnhom biss kienu rġiel, u dawn kienu Pawlu Camilleri li kien armat fi Triq San Anton u l-ieħor kien Oreste Cumbo, li l-ewwel kien armat fi Triq San Duminku u aktar tard kien fetaħ ħanut fi Triq il-Mitħna.

L-oħrajn kienu nisa. Hawn ma nistgħux ma nsemmux lill-aħwa Anjeze u Dolor Calleja li kienu joqgħodu fi Triq il-Kbira. Dawn bħal ħafna xebbiet oħra minn Ħ'Attard, kienu tgħallmu l-ħjata, ir-rakkmu, il-bizzilla minn għand is-sorijiet Franġiskani ta' Marija li kienu joqgħodu Ħ'Attard. Imbagħad kienu għallmu ħafna xebbiet tar-raħal huma stess. Kienu ħajjata primi. Ħajjata tajba oħra kienet Carmela Agius li toqgħod Triq San Anton. Ħajjata oħra kienet Giuseppa Borg magħrufa "Tas-Swis" li kienet toqgħod fi Triq Sant Anna quddiem il-Każin La Stella Levantina. Oħra, kienet Rożi Fenech, xebba tal-mużew li kienet toqgħod fi Triq Ħal Qormi. Fi Triq Santa Marija kien hemm oħra magħrufa bħala Mari tal-Ostji. Ħdejn il-knisja, f'bini li llum spiċċa kien hemm oħra li kienet Vira Azzopardi. Taħt ir-raħal kien hemm Żeża Agius u fi Triq l-Imdina kien hemm Marija Azzopardi.

Ma' dawn kien hemm dawk li kienu jħitu l-għonienel. Fosthom kien hemm Rożarja u Manwela Sciortino, Anjeze u Dolor Calleja, Rożi Fenech u Carmela u Marjanna Portelli.

## IL-BAJJADA

Ħ'Attard, kellu numru sabiħ ta' bajjada. Fosthom insemmu lil Patist Camilleri, li kien joqgħod fi Triq Sant'Anna. Fi Triq San Duminku kien hemm Peppu Azzopardi. Kien hemm Ġamri "Is-Swis" u wliedu Gustu u Pawlu Buhagiar, li kienu joqgħodu wara l-knisja u aktar tard marru joqgħodu fi Triq il-Mosta. Kien hemm Ġużeppi Grima "Il-Bus" li kien joqgħod fi Triq Ħal Qormi. Fi Triq San Anton kien hemm Żaru Borg u Karmenu Borg "Willie" fi Triq Sant'Anna. Fi Triq il-Mosta kien hemm Ġużeppi Schembri "In-Nemes" li aktar tard mar joqgħod fi Triq San Anton. Gejtu Agius, kien bajjad ieħor fi Triq Ħaż-Żebbuġ. Kien hemm ukoll l-aħwa Gianni u Karmenu Debono "Ta' l-Ingliża" fi Sqaq San Pawl. Ġużeppi Zammit "Il-Mundu" kien ukoll jagħmel xogħol ta' tibjid. Fi Triq San Anton kien hemm Gużeppi Aquilina. Ma nistax inħalli barra liz-ziju Ġużepp li kien ukoll bajjad u li kien spiċċa biex waqa' mill-għoli u kiser is-sinsla ta' dahru u xi sitt xhur wara miet ta' 28 sena.

## IL-LANDIERA

Minn dawn niftakar erbgħa. Fi Triq l-Imdina kien hemm Bertu Azzopardi qrib in-niċċa tal-Madonna. Fi Triq Pjazzetta kantuniera ma' Sqaq numru tnejn kien hemm Gużeppi Spagnol. Fi Triq San Duminku kien hemm Peppu Azzopardi u fi Triq Birkirkara kien hemm Peter Agius.

Ma' dawn insemmu lil-landier tat-triq. Kultant fir-raħal, kien jiġi xi landier minn raħal ieħor li kien jagħżel xi rokna kennija, ipoġġi fuq banketta jew kaxxa u madwaru f'radda ta' salib kien iqiegħed il-folji taż-żingu, il-'primus' biex isaħħan is-saldatur, l-imqassijiet u għodod oħra. Malajr kienu jiġu n-nisa tad-dar b'xi borma mtaqqba, min b'xi friskatur, min b'xi bott tal-ħalib biex jagħmillu widna ...

u hekk ir-rota kienet iddur! Meta l-landier kien jara li n-negozju waqaf, kien jiġbor kollox u jmur f'xi post ieħor biex jilħaq naħa oħra tar-raħal.

## L-ISKRAPAN

Skarpan mill-antiki kien Lukardu Agius li kien jaħdem ta' skarpan il-ġurnata kollha. Fi Triq San Duminku, kien hemm Ġużeppi Chircop. Fi Triq il-Mitħna, kien hemm Ninu Agius li kien jaħdem biss wara x-xogħol. Fi Triq San Anton kien hemm skarpan ______Gauci u warajh kien kompla ibnu __________ fi Triq San Anton ukoll, imma dan jaħdem biss wara x-xogħol. Fi żmien il-gwerra, kien ġie fir-raħal Vincent Bugeja, li kien jaħdem fi Triq il-Kbira flok fejn illum hemm il-Każin Nazzjonalista.

## L-'ELECTRICIANS'

Ftit kienu l-'electricians'. Wieħed minnhom, forsi l-aktar antik kien Pawlu Schembri li kien joqgħod Triq il-Mosta. Għadni niftakar meta ġie d-dar tagħna biex jagħmel l-istallazzjoni tal-elettriku fl-1930. L-ieħor ġie fir-raħal tagħna fi żmien il-gwerra, dan kien Pawlu D'Andrea. Kien hemm ieħor Anġlu Bonniċi; imma dan kien impjegat mal-gvern u ma kienx jagħmel xogħol privat.

## IL-BARBIERA

Anke dawn konna nsibuhom fir-raħal għalkemm mhux f'għadd kbir. Niftakar li fi Triq Pjazzetta kien hemm Santinu u Speditu. Fi Triq il-Mosta kien hemm Ġużeppi Schembri li kien jaħdem biss wara x-xogħol. Meta spiċċa mix-xogħol għal kollox, kien fetaħ il-ħanut fi Triq San Anton. Fil-pjazza tal-knisja ħdejn fejn illum hemm iċ-Ċentru Parrokkjali, kien hemm wieħed jismu Leli li kellu ieħor jaħdem miegħu bi sħab. Fi Triq Sant'Anna, kien hemm Kalanġ "L-Għawdxi" li aktar tard kien ħadem ukoll fi Triq San Anton. Antik aktar minn dawn kolllha kien hemm Ċillu Chetcuti li kien jaħdem fi Triq Sant'Anna ħdejn il-Każin '
La Stella Levantina". Niftakar żewġ żgħażagħ li kienu tgħallmu ma' wħud minn dawn il-barbiera li semmejna, dawn kienu Ġużeppi Cuschieri u Gustu Aquilina, it-tnejn kienu jservu lill-abbonati tagħhom privatament għax ħadd minnhom ma fetaħ ħanut.

## IN-NISSIEĠA TAS-SODA

Din is-sengħa li biha kienu jinsġu l-mgħaqad tas-siġġijiet bis-soda kienet teżisti wkoll f'dan ir-raħal. Tissemma' mara li kienet tagħmel dan ix-xogħol kienet Katarin Cuschieri "Ta' Cintju" fi Triq San Duminku. Kien hemm ukoll Felic Schembri fi Triq il-Mosta li kien jagħmel dan ix-xogħol ukoll. Fil-knisja kellu fi ħsiebu s-siġġijiet. Kien jiġbor dik it-tlett ħabbiet għal kull siġġu u b'hekk kien ikopri l-ispejjeż.

## IL-ĠENNIENA

Ġo Ħ'Attard, kien hemm ħafna li kienu jaħdmu fil-Ġonna ta' Sant'Anton u minn hemm tgħallmu din is-sengħa. Imma kien wieħed biss sa fejn naf jien li kellu ġnien kbir li fih kien ikabbar il-fjuri. Dan kien Tancred Agius minn Ħ'Attard li kellu l-ġnien f'Ħal Balzan.

# IN-NIES TAL-ĦWIENET

## TAL-MERĊA

Meta niġu biex nitkellmu mill-ħwienet, ikollna ngħidu li Ħ'Attard kien moqdi sewwa. Ser nibdew mill-ħwienet tal-merċa: fi Triq San Anton kien hemm Vitorja Mizzi. Ħanut ieħor fl-istess triq kien immexxi mill-aħwa Mangion Virginia u Dolor, dan illum m'għadux jeżisti għax id-dar tagħhom ġiet imwaqqa' biex twessgħet it-triq. Fi Triq il-Mitħna, kien hemm Nina Debono. Fi Triq San Duminku kien hemm Rużar u martu Lonza Vassallo, eżatt taħt in-niċċa ta' San Duminku. Fi Triq il-Mosta kien hemm Carmelo Sammut "Il-Plajs". Dan kellu ħanut imdaqqas, dejjem b'xi kanarin isaffar fil-gaġġa mdendla f'nofs il-ħanut. Fil-kantuniera ta' Triq Pjazzetta kien hemm Dela Sagnol. Fir-rokna ta' Triq Sant'Anna kien hemm l-aħwa Antonia u Karmena Felice. Fi Triq San Duminku, qrib il-misraħ Sant'Anna kien hemm Angla Mamo u fi żminijiet differenti kien hemm

oħra jgħidula Dolor il-Qormija u oħra li kienet Tereża Zerafa. Fi Triq il-Kbira, kien hemm l-aħwa Zammit, Pawla w oħtha Mari. Fi Triq il-Kbira qrib l-għajn tal-bhejjem kien hemm Giovanna Pace li kellha ħanut kbir mhux ħażin. Fi żmien il-gwerra, kienu ġew xi refuġjati li wkoll fetħu ħanut tal-merċa, fosthom Toni Farrugia li kien armat fi Triq il-Kbira bejn Triq il-Mitħna u Triq San Anton fil-post li fuqu hemm l-istatwa ta' San Ġużepp. Ieħor kien Ġorġ Debattista, li kien fetaħ ħanut fil-pjazza tal-knisja ħdejn iċ-ċentru parrokkjali.

Ma' dawn ma' nħallux barra lil Salvu ta' Ħal Qormi, li kien jiġi biż-żiemel u l-karettun mgħobbi sa ruħ ommu bl-affarijiet tal-merċa fosthom ħafna kwalitajiet ta' ġobon li kien jaqsamlek qalbek bir-riħa li kienet toħroġ minnu.

## ĦWIENET TAX-XORB

Minn dawn il-ħwienet konna nixtru l-inbid u l-luminati u xorb ieħor. Barra minn dan, kienu jsajru l-kafe' u t-te'. Fi Triq l-Imdina kien hemm Salvu Cuschieri li kellu l-ħanut jismu (u għadu) 'Horace Bar'. Fi Triq il-Kbira, kien hemm ħanut ieħor li għadu hemm. Dan kien imexxih Wiġi Cuschieri. Quddiem il-Knisja kien hemm ieħor immexxi minn Xandru Pisani li sa ftit ilu kien imexxih Harry Borg. Fi Triq il-Mosta fil-kantuniera ta' Triq il-Mosta ma' Triq Pjazzetta, eżatt ħdejn il-Każin Santa Marija kien hemm Patist Camilleri. Quddiem l-għassa tal-pulizija kien hemm ieħor jismu 'The Half Way House' Bar li kienet tmexxih Manann Ciantar. Dan il-ħanut kien popolari ħafna mas-suldati Ingliżi, li kienu stazzjonati qrib Ħ'Attard. Snin wara l-gwerra kien hemm x'uħud minnhom, li ġew Malta bħala turisti u kienu ġew Ħ'Attard ifittxu dan il-Bar, imma Manann kienet mietet u l-Bar għalaq. Fi Triq in-Nutar Zarb kien hemm il-'Broadway Bar' f'idejn il-familja Cuschieri, Pawla, binha Żaru u fl-aħħar binha l-ieħor Pawlu. Fi Triq il-Kbira, kantuniera ma' Triq Santa Marija kien hemm Mikiel Mangion u martu Kelina qrib l-għajn tal-bhejjem. Ma' dawn mhux ta' min jinsa' ż-żewġ Każini La Stella Levantina u ta' Santa Marija li wkoll kellhom il-bar tagħhom. Minbarra l-membri, kienu jidħlu jixorbu magħhom il-ħbieb tagħhom ukoll.

Barra dawn kien hemm Bondin ta' Ħaż-Żebbuġ, li kien jiġi jbiegħ ix-xorb. Mir-Rabat kien jiġi Toni, jbigħ l-inbid kif ukoll xi ħadd minn Ħal Lija li kien ibigħ l-inbid ukoll.

## ĦWIENET TAL-ĠWIEŻ

Fir-raħal kien hawn ħafna li kienu jrabbu l-annimali. M'inix qed ngħid għal dawk li ġa semmejna meta tkellimna fuq dawk li jrabbu l-baqar, il-barrin, in-nagħaġ u l-mogħoż; imma għall-oħrajn li kważi f'kull dar kienu jħobbu jżommu t-tiġieġ, fniek, ħamiem u xi annimali oħra żgħar. Dawn kienu jeħtieġu l-ġwież. Fi Triq Pjazzetta, kien hemm Rożi Sciberras, li aktar tard armat fi Triq San Duminku. Fl-istess Triq, kien hemm Bernarda Dingli, li kienet ukoll tbiegħ il-ġwież. Fi Triq il-Mosta, kien hemm Carmelo Ciantar, flok fejn darba kien hemm l-uffiċċju tal-Lottu.

Ma' dawn jiżdiedu dawk li kienu jiġu jbiegħu fit-toroq ta' Ħ'Attard. Fost dawk niftakar kien hemm Żaren Ciantar mir-Rabat. Pinu ... minn Ħaż-Żebbuġ. Jidhirli li kien hemm oħrajn minn Birkirkara jew minn Ħaż-Żebbuġ, imma ma rnexxilix insib isimhom.

## ĦANUT TAS-SALAMI

Meta ngħidu Salami, nifhmu fażola, tonn, aringi, marinat, żebbuġ, pikles u ħwejjeġ oħra bħal dawn. Niftakar ħanut wieħed biss li kien ibigħ biss is-Salami. Kien fi Triq Pjazzetta quddiem il-Każin Santa Marija. Dan fetaħ fi żmien l-gwerra u kien imexxih ċertu Joe li kien jgħix m'ommu anzjana. Kont tieħu gost tidħol fil-ħanut tiegħu tassew kien iħajrek u jqanqallek l-aptit. Imma dan ma jfissirx li fil-ħwienet atal-merċa ma kontx issib xi ħaġa li nistgħu ngħidulha Salami. Għax żebbuġ u nċova u xi ħaġa żgħira oħra, kont issib kważi minn kull ħanut tal-merċa.

Barra minn dawn, fit-toroq tagħna kienu jiġu xi bejjiegħa bis-Salami. Kienet tiġi waħda Ġilarda minn Birkirkara u mill-istess post kien jiġi ieħor imlaqqam "Il-Gerbubi".

## BEJJIEGĦA TAL-ĦUT

F'Ħ'Attard, ma kienx hawn ħwienet tal-ħut. Għalhekk il-ħut konna nixtruh minn għand dawk li jiġu bil-karettun minn irħula oħra. Kien hemm Bertu ta' Ħal Gharghur. Kien hemm Gużeppa minn San Pawl il-Baħar. Kien hemm ieħor jismu Pietru u wieħed ieħor mis-Siggiewi mlaqqam "Il-Ħaħħaj".

## TAL-LAĦAM

Waħda li kienet tbigħ il-laħam kienet Rożi Vella mill-familja tal-Belbulin. Warajha ħadet il-ħanut Ġużeppa Mangion li kienet in-neputija ta' Rożi. Wara din, l-istess ħanut daħal għalih Ġużepp magħruf "In-Nina". Dan il-ħanut kien u għadu fil-bidu ta' Triq Sant' Anna, eżatt taħt il-Każin La Stella Levantina. Kien hemm oħra li kienet tbigħ il-laħam. Din kienet Anni Agius fi Triq San Anton; imma din ma damitx wisq bil-ħanut u għalqitu.

## ID-DOLĊIERA

Kien hemm dawk li jaħdmu ħlewwiet, luminati, ġelati u pastizzi. L-aktar wieħed antik kien Fidiel li kien jagħmel il-luminati u l-ġelati. Oħra li kienet tagħmel il-pastizzi, qassatat u ħlewwiet kienet Rożi Camilleri. Dawn it-tnejn li semmejna kienu t-tnejn fi Triq San Anton. Imbagħad kien hemm Żeża Cuschieri, fi Triq il-Mosta. Kien hemm Żeża Cuschieri, oħra li kienet armata fi Triq il-Kbira fejn illum hemm is-Cellars.

## IL-ĦANUT TA' L-IKEL

Għalkemm x'uħud milli ġa semmejna kellhom anke l-imwejjed fil-ħanut tagħhom, x'aktarx li kienu biss għax-xorb. Imma kien hemm ħanut li kien isajjar u dak jkun seta' jiekol xi ħaġa fil-ħanut. Dan kien il-ħanut ta' Ġianni mlaqqam "Il-Furnar" li kien armat fi Triq il-Kbira quddiem il-forn ta' Anni Galea li ġa semmejna.

## DRAPPIJIET U BAZAAR

Meta l-mara tad-dar kienet trid issebbaħ darha b'xi biċċa drapp għal xi purtieri, tvalji u affarijiet hekk, kienet tmur għand Frans Pace li flimkien mal-mara tiegħu Ġiovanna, kienu jmexxu dan il-ħanut. Kien ħanut fi Triq il-Mitħna, ħanut mimli sa ruħ ommu bl-affarijiet li semmejna u affarijiet għad-dar. Dan kien l-uniku ħanut li kien ibigħ ħwejjeġ bħal dawn.

Barra dan kien hemm Ġianni Sammut mir-Rabat li kien jiġi kull ġimgħa jbigħ il-ħwejjeġ. Minn Birkirkara, kien jiġi wieħed jgħidulu "l-Ajk". Kien hemm ieħor jismu Indri u ieħor jismu Ġużeppi Gauci. Barra dawn minn Ħaż-Żebbuġ kien jiġi ieħor imlaqqam "Is-Siskspenzu".

## GAZZETTI U FAXXIKLI

In-nies ta' Ħ'Attard kienu jaqraw ukoll il-gazzetti. Dak iż-żmien ta' qabel il-gwerra, kienet tinbiegħ il-gazzetta "Il-Berqa". Kien jiġi Marjanu Chetcuti kuljum bir-rota iqassam din il-gazzetta. Warajh kien hemm ħuh Noe' li kien iqassamha hu u barra minn dawn kien hemm ieħor minn Birkirkara. Kien servizz sħiħ, jum wara jum. NIftakar fil-gazzetta kien ikun hemm stampata kaxxa xi żewġ pulzieri kwadru bil-kelma TOKEN stampata fiha. Dawn konna niġbruhom u nibdluhom ma' xi ktieb li kienet toffri l-gazzetta.

Barra mill-gazzetti, n-nies kienu jfittxu l-istejjer twal jew rumanzi li kienu jiġu stampati ftit ftit, faxxiklu kull ġimgħa. Kull faxxiklu kien ikun fih tmien faċċati li kienu jiswew sold kull faxxiklu. Kien hemm nies impjegati mill-istampaturi biex iqassmu dawn il-faxxikli lill-abbonati.

## TAR-RITRATTI

F'xi okkażjonijiet speċjali ngħidu aħna xi tieġ, l-ewwel tqarbina, gradwazzjoni jew xi ħaġa mportanti oħra,in-nies kienu jixtiequ li jkollhom tifkira. Ġo Ħ'Attard ma kienx hemm min jagħmel dan ix-xogħol, għalhekk kien ikollhom imorru barra r-raħal ngħidu aħna l-Ħamrun għand Cassar jew għand Blackman jew inkella jmorru l-Belt fi Triq San Ġwann. Aktar tard, dawn tar-ritratti bdew jimbtu 'l hawn u l-hinn u ma baqgħux daqshekk rari. Illum, tarahom kullimkien. Maż-żmien bdew ukoll id-dilettanti li kienu jiġbdu r-ritratti tassew ta' kwalita'. Ġo Ħ'Attard kellna lil Karnmenu Pisani li ħa eluf ta' ritratti f'ħafna okkażjonijiet li ġraw Ħ'Attard.

Barra minn dawn imsemmija, ġo Ħ'Attard, fil-Ġonna ta' Sant'Anton kien hemm ċertu Dovik li kien jieħu r-ritratti lil min jitolbu u jagħtihulu ftit minuti wara.Bħalu kien hemm ukoll il-Barakka ta' Fuq, il-Belt Valletta u f'postijiet oħra wkoll.

## TAL-PITROLJU

It-tisjir ġod-djar kien isir bil-pitrolju. Ma' dan żid li ħafna kienu għadhom ma daħħlux id-dawl elettriku u għalhekk kienu jużaw lampi tal-pitrolju, li wara kollox għadhom jeżistu f'ħafna djar għal meta jinqata' d-dawl. Għalhekk il-pitrolju kien meħtieġ ħafna. Minn Ħal Balzan kien jiġi Ġorġ. Minn Birkirkara kien jiġi Ġianni. Mir-Rabat kien jiġi Ċensu u ħafna għadhom jiftakru li miegħu kien ikolli lil Leli, li kien poploari ħafna ġo Ħ'Attard. Barra minn dawn kien hemm ieħor jismu Karmnu mlaqqam "Il-Kwattru".

## IL-PETROL

F'Ħ'Attard, il-petrol kien jinbiegħ ukoll, Fil-fatt, kien hawn żewġ pompi tal-petrol. Waħda kienet ta' Żeża Cuschieri li kienet fil-pjazza tal-knisja kantuniera ma' Triq il-Kbira. Il-pompa l-oħra kienet ta' Pawlu Cuschieri tal-"Broadway Bar" li ġa semmejna fi Triq In-Nutar Zarb.

## IR-RIGETTIER

Ħanut wieħed biss kien hawn, jekk tista' ssejjaħliu ħanut, għax wara kollox din kienet id-dar ta' Ċillu li ġa semmejnih mal-barbiera. Kien joqgħod Triq Sant'Anna eżatt fejn jispiċċa t-taraġ tal-Każin La Stella Levantina. Fl-intrata kellu ruxxmata kwadri u xi biċċa għamara.

## TAL-BIGILLA

Fis-sajf konna nsibu wkoll il-Bigilla li llum saret moda f'ħafna festini u saħansitra fit-tiġijiet. F'Ħ'Attard kien hawn wieħed biss li kien ġar tagħna. Kien Żaren Cuschieri, li kien jarma bil-bigilla fis-sajf waqt li fi żminijiet oħra kien ibiegħ il-ful, iċ-ċiċri u l-karawett.

Barra dan, żmien wara beda jidher wieħed li kien jiġi minn Birkirkara.

## TAR-ROLY POLY

Ħadd ma kien ibiegħ ir-Roly Ploy ġo Ħ'Attard. Għalhekk, kienu jiġu jbigħu nhar ta' Ħadd fil-għodu. Kienu jkunu ħafna li jixtru dan ir-roly poly bejn għax konna mixtiqin minnu u oħrajn biex jużawh bħala deżerta mal-ikla tal-Ħadd. Mir-Rabat kienu jiġu tnejn. Wieħed kien jismu Ġianni u l-ieħor kien jismu Ġużeppi. Ma' dawn ikollna nsemmu lil dawk li kienu jiġu jbigħu il-ġelati li bdew jiġu nhar ta' Ħadd u mbagħad wara xi żmien bdew jiġu matul is-sajf kollu.

## IT-TORK

Qabel il-gwerra, fit-toroq tagħna konna spiss naraw it-'Tork'. Hekk konna ngħidulu; imma ma kien Tork xejn. Kienu nies li jiġu minn Tripli ... għax ma kienx wieħed imma kienu diversi. Kienu jiġu bil-bixkilla kbira fuq dirgħajhom mimlija b'kull ġid. Kien ikollu l-lakumja, żejt, ħabb għażiż, tamal, xi ħasira, ġwielaq, paljijiet u kpiepel tax-xemx. Oħrajn, fosthom Ġiġinu t-Taljan kienu jiġu jbigħu statwi sbiħ tal-kina - żgur li fid-djar antiki għad fadal minn dawn il-figorini. Kien ibiegħ xi biċċiet tal-bizzilla u pakketti tax-'Xorti'. Wieħed ieħor minn dawn kien jiġi bil-ħmar u jgħajjat: 'Figurini belli'.

## IT-TERRAMAXKA

Nhar ta' Ħadd fil-għodu kultant konna naraw it-Terramaxka - aktarx li din hi taħsira tat-taljan terra magica .... l-art imsaħħra - Sidha kien jarma l-ħmar bil-karettun u jduru xi żewġ irħula. Kien jagħtiha l-ħabel billi jdawwar l-imradd u dlonk il-pupi jew marjonetti kienu jibdew iduru mad-daqq ta' xi mażurka jew polka. Kien daqq ferrieħi li kien jiġbor ħafna nies biex jisimgħuh. Imbagħad is-sid kien idur bil-plattin u jiġbor xi sold.

## IS-SANN TAL-IMQASSIJIET U SKIEKEN

Ħadd ġo Ħ'Attard ma kien jagħmel dan ix-xogħol, għalhekk kultant kien jiġi wieħed bil-ħmar jiġbed il-karettun li kien ikollu mola li kien idawwar b'riġlu. Kien jgħajjat "Imqassijiet u skieken min għandu". In-nies kienu jġibulu l-imqassijiet u s-skieken u dan kien isinnhomlhom bi ftit soldi.

## IL-KURRIER

Il-Kurrier kien dak jew dik li kien jaqdi lin-nies tar-raħal biex iġibilhom xi ħwejjeġ meta huma ma setgħux imorru jagħmlu dan. F'Ħ'Attard kellna lil Kunċetta Parnis li kienet tagħmel dan ix-xogħol. Kienet mara twajba u onesta u għalhekk in-nies kienu jafdawha. Kienet taqdi lin-nies meta dawn jitolbuha ġġibilhom xi ħaġa mill-belt, forsi xi ħajta deheb jew xi ħaġa li kien jonqoshom il-ħajjata tar-raħal, ngħidu aħna ħajt, labar, xi biċċa fursetta jew xi biċċa drapp. Ta' dan kienu jagħtuha xi ħaġa tal-flus biex tgħajjex lilha, lil oħtha Ġusta u lil ħuha Ġużepp li kien għama.

## IS-SENSAL JEW ĦUTTAB

Dawk li kienu jinnegozjaw il-bini u l-artijiet kienujfittxu s-sensal biex jgħinhom jaslu fi ftehim max-xerrej. Ħ'Attard, kellu aktar minn sensal wieħed. Kien hemm Ċillu Chetcuti li ġa semmejnih bħala regettier. Kien hemm Anġla Mamo, li ġa semmejniha bħala li kellha ħanut tal-merċa fi Triq San Duminku. Kien hemm Ġianni l-Furnar, li ġa semmejnih bil-ħanut tal-merċa u tal-ikel u fl-aħħarnett kien hemm ieħor li niftakru sewwa billi kien joqgħod qrib tagħna fil-ftit snin li għaddejna fi Triq Pjazzetta. Dan kien Miju, imma ma rnexxilix niftakar kunjonu. Kultant il-ħuttaba, almenu fl-antik kienu jidħlu wkoll biex isibu xi xebba li tgħodd għal xi żagħżugħ li jkun tefa' għajnejh fuqha. Il-ħuttab kien jersaq lejn il-ġenituri tagħha u kien jgħidilhom li hemm min iridha. Ħafna żwiġijiet saru b'dal-mod; imma llum dan m'għadux isir.

## TAL-FANALI

Madwar 60 sena ilu, id-dawl waħdani li kien idawwal xi ftit lir-raħal tagħna, kien id-dawl tal-fanali Fit-toroq 'l hawn u 'l hinn kien hemm dawn il-fanali kwadri mdawrin bil-ħġieġ u ġo fihom ikun hemm lampa tal-pitrolju. Nistgħu naħsbu x'dawl kienu jitfgħu! Imma dawk kienu. Ma kellna lil ħadd ġo Ħ'Attard biex jieħu ħsieb dawn il-fanali u għalhekk kien jiġi ċertu Spiru minn Birkirkara biex jieħu ħsiebhom hu. Qabel jidlam, kien idurhom wieħed wieħed bis-sellum fuq spalltu biex jitla' u jixgħelhom. Imbagħad fil-għodu, kien jiġi b'qasba twila li biha kien ibexxaq il-bieba tal-fanal, jipponta l-qasba mal-kuperċ u jofoħ b'saħħtu, b'hekk kien jitfi l-fanal. Kultant kien inaddaf it-tubi u jimla; l-lampi bil-pitrolju.

# IT-TRASPORT ĠO Ħ'ATTARD

## IL-KAROZZINI

Ġo Ħ'Attard kien hawn numru sabiħ ta' karozzini. In-nies tar-raħal kienu jfittxuhom għall-bżonn. Ħadd ma kien joħlom li jmur għax-xogħol bil-karozzin. Niftakar lil Gianni Azzopardi li kellu karozzin. Dan kien joqgħod fi Triq San Duminku. Kien hemm Mikiel Mangion ukoll li kien armat bil-ħanut tax-xorb fi Triq il-Kbira. Kien hemm ukoll Karmnu Borg "Ta' Stringi" u Saver "Il-Ballar". Kien hemm Karmnu u Salvu "Tas-Sottmarin". Kien hemm Ġużeppi u Kalċ Grima "Il-Bus". Kien hemm ukoll Ċensu Fenech "Ta' l-Infern". Ma' dawn kien hemm oħrajn li ma rnexxilix insir naf isimhom.

## IL-VAPUR TA' L-ART

Jgħidulu wkoll il-Ferrovija. Dan daħal MMalta fl-1883. Kien jitlaq mill-Belt għall-Pieta', il-Ħamrun, Birkirkara, Ħ'Attard, ir-Rabat u jieqaf l-Imtarfa. Ġo Ħ'Attard, kien hemm l-Istazzjon - illum dan sar jissejjaħ Ġnien l-Istazzjon - li fih kien jieqaf biex iniżżel u jtella' n-nies. Għad għandi l-impressjoni tad-daħna li kienet toħroġ miċ-ċumnija tiegħu, kif ukoll it-tisfira tiegħu meta kien jiġi biex jitlaq. Minn fuq il-bejt tad-dar tagħna fi Triq Sant'Anton, kont narah sewwa. Dan imbagħad spiċċa għal kollox fl-1931.

## IL-KAROZZI TAN-NAR

Dawn illum ngħidulhom sempliċement karozzi jew 'taxis'. Bdew jidhru hawn Malta għall-ħabta tal-1903. Ma nafx eżatt meta daħlu l-ewwel darba ġo Ħ'Attard; imma naf żgur li s-Sur John Bonavita kellu waħda li dejjem niftakarha għandu. Semmejt lil dan għax kien joqgħod qrib tagħna u kont narah ħiereġ kważi kuljum għall-ħabta ta' wara nofsinhar. Fi Triq Sant' Anton, kien joqgħod Lord Strickland li kellu miegħu lix-xufier Ġużeppi Gatt li wkoll kien isuq il-karozza. Bħalhom kien hemm l-Avukat Josie Vella li kien joqgħod fi Triq il-Mosta.

## IR-ROTI

Illum ngħidulhom 'bicycles' jew BMX. Dari kważi kulħadd kien jużahom biex imur ix-xogħol. Niftakar sewwa meta qabel il-gwerra kont immur l-iskola ta' Ħal Lija - għax Ħ'Attard ma kienx hawn skola - l-għalliema tiegħi li kienu jiġu mill-Mosta, kienu jiġu bir-rota u ieħor mill-Ħamrun. Ħ'Attard, kien hawn numru sabiħ ta' rġiel u żgħażagħ, li kellhom ir-rota. Anke l-pulizija kienu jinqdew biha.

## IL-MUTURI

Il-progress ma jżommu ħadd! Wara ftit bdejna naraw il-muturi. Is-sewwieq ma kienx ikollu jitħabat, joqgħod jaqdef bħal ma jsir fir-rota. Il-mutur kien tassew mezz ta' trasport li sar popolari għax kien jieħu lil dak li jkun il' bogħod u f'qasir żmien. Naturalment, il-mutur kont trid tonfoq somma ġmielha; imma barra minn hekk, il-mutur kien juża l-petrol li jqum il-flus. B'danakollu, Ħ'Attard kien hawn ukoll numru ta' żgħażagħ li kellhom il-mutur.

## IL-KAROZZI TAL-LINJA

Bil-mod il-mod bdew deħlin il-karozzi tal-linja. Fil-bidu nett ma kienux organizzati bħal ma huma llum.Nismagħhom jgħidu li, meta kienu jkunu l-Belt jistennew in-nies biex jeħduhom fl-ibliet u l-irħula kienu jibdew jgħabbu lil kull min jiġi. Ma kienx hemm destinazzjoni fejn ikun sejjer, u jekk wara ftit jinqalgħu sitta minn nies li riedu jmorru post ieħor li ma jkunx dak għal fejn kienu n-nies li ġa kien hemm fil-karozza, ix-xufier malajr kien jgħidilhom biex jinżlu għax ma kienx sejjer fejn xtaqu huma; imma fejn xtaqu dawn li ġew issa billi dawn ta' l-aħħar kienu jkunu iżjed fin-numru minn dawk ta' qabel. Imma aktar tard, dawn ġew organizzati, kull waħda bid-destinazzjoni tagħha u għalhekk min jirkeb kien ikollu moħħu mistrieħ li ma kienx ser jiġi mniżżel mill-karozza. Ġo Ħ'Attard, niftakar minn dejjem il-karozzi fil-venda li kienet tkun ħdejn il-knisja n-naħa taċ-Ċentru Parrokkjali. Il-karozzi kienu miżbugħin bl-aħmar u b'faxx abjad. Fuq kollox kellhom miktuba d-destinazzjoni li kienet VALLETTA - LIJA. 'Iva, LIJA dan mhux żball. Dawn il-karozzi kienu magħrufin bħala ta' Ħal Lija għalkemm kienu jieqfu Ħ'Attard. Fil-fatt, kienu jgħaddu minn Ħal Lija u jibqgħu sejrin il-Belt. Żmien wara, il-venda ma baqgħetx ħdejn il-knisja, imma saret it-Triq tal-Mosta, ħdejn il-palma. imma lanqas hemm ma baqgħet għax meta żviluppa Misraħ Kola u wisq aktar meta tela' l-Housing Estate li hemm wara Santa Katerina, allura l-venda sabet ruħha hemm fuq.

**CARMEL MALLIA**

## RINGRAZZJAMENT


Qatt ma kien jirnexxili nikteb dan li ktibt mingħajr l-għajnuna ta' ħafna nies. X'uħud iltqajt magħhom apposta, oħrajn tkellimt magħhom bit-telefon u oħrajn bqajt inżomm dak li kienu qaluli snin ilu. Għalhekk irrid nirringrazzja lil dawk is-sinjuri, li qed inniżżilhom b'mod alfabetiku: Carmelo Attard, Salvu Attard li kellimtu aktar minn darba u kien bit-tir li jgħidli iżjed, imma ċ-ċirkustanzi dan ma ppermettewhx, Carmela Camilleri, Carmelo u Carmela Ciantar, Rita u Manwela Debono, Mary Fenech, Dolor u Maria Fenech, Agnes Galea, Lilian Mallia, Margaret Mallia, Paul, Giovanna, Rita u Antoinette Pisani, Antonio Said, Salvu Sciortino li kellimtu propju ġimgħa qabel miet u Francis Zammit.

Mill-ġdid nirringrazzjahom ilkoll tat-tagħrif li tawni.



**Carmel Mallia S.Th. Dlp. B.A. (Rel. Stud.)**